THE YOUTH FOOTBALL ASSOCIATION

6 ta' Ottubru, 2019
Ref: 1-2019/20

# BORD TAL-PROTESTI U KONTROLL

**Ref: Protest imressaq minn Għaxaq FC Youth Nursery b'referenza għall-partita (U15 – Section DE1) bejn Għaxaq FC u Żurrieq FC, li ntlagħbet nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru 2019**

B'referenza għas-seduta tal-Bord tal-Protesti u Kontroll li saret il-Ħamis 3 ta' Ottubru 2019, fejn instema' l-protest hekk kif imressaq minn Għaxaq FC Youth Nursery fil-konfront ta' Żurrieq FC Nursery, fejn Żurrieq ġew akkużati li għamlu użu minn tliet plejers taħt l-età u li ma tniżżlux fil-line-up. Il-Bord sema' lid-delegati u r-rappreżentanti ta' żewġ klabbs u stabbilixxa dawn il-fatti.

## Fatti

- Il-verżjoni b'email tal-Match Inspector kienet l-unika waħda imparzjali u għalhekk ingħatat aktar valur.
- Il-verżjonijiet tar-rappreżentanti taż-żewġ klabbs ma qablux.
  Dak li ntqal minn Emilio Barbara f'isem Żurrieq li mhux veru kellhom plejers taħt l-età, ma qabilx mad-dikjarazzjoni tal-Match Inspector fejn qal li sema' lill-uffiċjal ta' Żurrieq jgħid lil ta' Għaxaq li għandhom plejers taħt l-età.

## Deċiżjoni Tal-Bord:

- Il-Bord iddeċieda li jilqa' l-protest imdaħħal minn Għaxaq FC Youth Nursery fuq l-akbar bażi li l-unika vuċi imparzjali li hi dik tal-Match Inspector, intqal li sema' jgħid li l-uffiċjal ta' Żurrieq qal li ta' Għaxaq li kellu plejers taħt l-età u li mhux permissibbli li jilagħbu.
- Għalhekk ġie deċiż li l-partita għandha tintrebaħ minn Għaxaq FC Youth Nursery bl-iskor ta' 2-0 u t-tliet punti jingħataw lil Għaxaq kif inhu stipultat fir-regolament numru 23 tar-Regolamenti tal-Kompetizzjoni.
- Għaxaq FC Youth Nursery għandhom jingħataw lura d-depożitu bin-nuqqas ta' €25 skont ir-regolamenti filwaqt li Żurrieq FC Youth Nursery jeħlu multa ta' €50.
- Il-Bord iddeċieda wkoll li jirreferi dan il-każ lill-Bord tad-Dixxiplina għal miżuri oħra li jistgħu jittieħdu fil-konfront ta' Żurrieq FC Youth Nursery.

Alex Pace
Segretarju
**YFA – Bord tal-Protesti u Kontroll**

Cc. Joe Micallef – YFA General Secretary